**MALTA**

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 22 ta' Frar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Emanuel Xerri**
**(ID: 401874M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Emanuel Xerri** talli fis-7 ta' April 2006 u fil-granet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu tal-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini tal-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq

iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitt lira (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira (Lm1000) ghad-dannu ta' Carmen Attard, ai terminu tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-posizzjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti tosserva illi dawn il-proceduri ilhom snin twal li nbdew u li gew ri-appuntati wara li gew assenjati lil din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru 2017 wara li thallew *sine die* fil-5 ta' Frar 2009.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 183, 184, 308, 309 u 310 (1) (b) tal-Kodici Kriminali tiddikjara lill-imputat **Emanuel Xerri** hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car, kemm ir-responsabilita` tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' sena mil-lum.

Il-Qorti tordna li din is-sentenzi flimkien mal-atti kollha tal-kawza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-ligi.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur